GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR230013 | 09.01.2023 | 4 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI**

***L-Ispeaker jiltaqa' mal-komunitajiet Maltin fl-Awstralja***

Fi tmiem il-parteċipazzjoni tiegħu fil-Konferenza tal-Ispeakers u Presidenti tal-Parlamenti tal-Commonwealth (CSPOC) li nżammet ġewwa l-Parlament tal-Awstralja bejn it-3 u s-6 ta' Jannar 2023, l-Ispeaker tal-Parlament Malti Anġlu Farrugia kellu l-opportunità li jiltaqa' ma' diversi membri tal-komunità Maltija li jinsabu fil-pajjiż. Huwa ltaqa' ma' dawn il-Maltin fil-Kummissjoni Għolja ta' Malta ġewwa Canberra, kif ukoll fil-clubs La Valette u Ħamrun ġewwa Sydney. L-Ispeaker irrangrazzja lil dawn il-Maltin u l-għaqdiet rispettivi tagħhom li permezz tal-ħidma, l-attivitajiet u l-interessi tagħhom jibqgħu tant marbutin ma' Malta.

Dawn il-laqgħat kienu possibbli bil-għajnuna tal-Kummissarju Għoli ta' Malta ġewwa Canberra Mario Farrugia Borg u l-Konslu Ġenerali ta' Malta ġewwa Sydney Lawrence Buhagiar.